**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

# FTUĦ TAL-KAWŻA GĦALL-BEATIFIKAZZJONI U GĦALL-KANONIZZAZZJONI TAL-QADDEJ TA' ALLA, P. AVERTAN FENECH, KARMELITAN (1871-1943)

Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna għoġbu jilqa' t-talba tad-Dr Giovanna Brizi, Postulatriċi Ġenerali tal-Ordni tal-Aħwa tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu, biex jiftaħ il-Kawża għall-Beatifikazzjoni u għall-Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla Patri Avertan Fenech, Karmelitan. Dan se jsir nhar il-Ħamis 2 ta' Frar 2017, Jum il-Ħajja Konsagrata, fil-Knisja tal-Karmnu fl-Imdina waqt ċelebrazzjoni mmexxija minn Monsinjur Arċisqof fil-5.00p.m. u l-Quddiesa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju fis-6.00 p.m. fil-Knisja Katidrali, L-Imdina, bis-sehem tal-membri tal-Ħajja Konsagrata.

Is-saċerdoti, il-persuni ta' Ħajja Konsagrata u l-lajċi kollha huma mistiedna biex jieħdu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni, biex flimkien, bħala l-Poplu ta' Alla f'Malta, nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jagħti d-dawl lil dawk kollha involuti biex, jekk inhi r-rieda tiegħu, 'il quddiem naraw lil dan il-Qaddej ta' Alla beatu u qaddis.

Man-*notice board* tal-knisja hemm imwaħħal l-editt li ħareġ Mons. Arċisqof marbut ma' din il-ġrajja, biex jingħata tagħrif fil-qosor dwar il-ħajja tal-Qaddej ta' Alla, Patri Avertan Fenech, Karmelitan. Kull min għandu xi tagħrif jew materjal għandu jgħaddih lill-Kanċellerija tat-Tribunal tal-Arċidjoċesi ta' Malta fil-Belt, Valletta.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Jannar 2017.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joseph Galea Curmi
Vigarju Ġenerali